ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 2/2020 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tal-4 ta' Diċembru 2020

li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE [2020/2052]

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) u l-Artikolu 16(2), flimkien mal-Artikolu 95(4), tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kien ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003. F'konformità mad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ([2]) (id-"deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali") huwa għandu jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2020.

(2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, ġew varati, f'Settembru 2018, negozjati għal Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid (il-"Ftehim il-ġdid"). Peress li l-Ftehim il-ġdid mhux se jkun lest biex jiġi applikat sal-31 ta' Diċembru 2020, id-data meta jiskadi l-qafas legali kurrenti, minħabba, fost affarijiet oħrajn, dewmien ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19, jeħtieġ li tiġi emendata d-deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali biex tkompli tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021.

(3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandu jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sa meta l-Ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ.

(4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, fit-23 ta' Mejju 2019 il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE ddelega s-setgħat ta' adozzjoni ta' miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ([3]).

(5) Ikun għalhekk xieraq li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jadotta deċiżjoni, taħt l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, biex tiġi emendata d-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE sabiex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, jew sa meta tibda l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema data taħbat l-ewwel.

(6) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jibqgħu jiġu applikati sabiex tinżamm il-kontinwità fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati AKP, min-naħa l-oħra. Għaldaqstant, il-miżuri tranżizzjonali emendati mhumiex intiżi bħala emendi magħmulin lill-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kif previst fl-Artikolu 95(3) tiegħu,

([1]) ĠU KE L 317, 15.12.2000, p. 3. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE kien ġie emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU UE L 209, 11.8.2005, p. 27) u mill-Ftehim iffirmat f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 (ĠU UE L 287, 4.11.2010, p. 3).

([2]) Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri transizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU UE L 1, 3.1.2020, p. 3).

([3]) Deċiżjoni Nru 1/2019 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE tat-23 ta' Mejju 2019 dwar id-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ĠU UE L 146, 5.6.2019, p. 114).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, il-kliem "sal-31 ta' Diċembru 2020" huwa sostitwit b'dan li ġej: "sat-30 ta' Novembru 2021".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-UE
Mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE
Il-President
Michael CLAUSS